MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Numru. 636/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**RAYMOND BONELLO**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Bonello, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 19436M.

## Akkuzat talli:

Fis-sebgha (7) ta` Mejju, 2008, ghal habta tat-tlieta u nofs ta` filghaxija (15:30hrs) gewwa Triq l-Imsida, Santa Venera, bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt billi ttanta li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta` Edwin Zarb

minn Santa Venera liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill-volonta` ta` Zammit.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta` Edwin Zarb minn Santa Venera, skont kif iccertifika Dr. Owen Mifsud, M.D., tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi hebb ghal Edwin Zarb sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Santa Venera volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.
U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Santa Venera hedded lill-istess Edwin Zarb bi kliem.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Edwin Zarb u l-familjari tieghu sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216, 221, 339 (d), 338 (dd), 338 (e), 383 (1) (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza u tiddikjara procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu kundizzjoni ulterjuri tat-tieni, tielet u raba` akkuza migjuba fil-konfront tal-istess imputat.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedgha ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Dina l-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------